**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 18 ta' Jannar, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**omissis**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' omissis detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin- numru 441268M,

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Lulju 2016 u fix-xhur u snin ta' qabel permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' ma persuna ta' taht l-eta' bil-hsieb li jwettaq xi reat taht l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inkluzi, u 208A u dik il-proposta giet segwita b'atti materjali li wasslu ghal dik il-laqgha.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala persuna f’ Malta, ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti ta’ persuna taht l-eta’.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghal wiri, f’post pubbliku jew f’post accessibli ghal pubbliku, immanufattura, stampa jew xort’ ohra ghamel, jew dahhal f’ Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi ogett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta’ hawn fuq kemm jekk le,

Aktar talli fl-istess cirkustanzi akkwista, xjentament akkwista access permezz ta’ teknologiji ta’ informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta’ jew jirraprezenta xi persuna ta’ taht l-eta’.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi ippartecipa f’ attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta’ u cioe’ omissis minuri ta’ 15-il sena; omissis minuri ta’ 15-il sena; omissis minuri ta’ 16-il sena u omissis minuri ta’ 17-il sena

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidrilha xierqa joghgobha tordna hrug ta’ ordni ta’ trattament skont l-Art 412D ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll il-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll li joghgobha tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l' Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikoli 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Lulju, 2016 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Rat li d-Difiza naqset milli tipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet finali taghha entro t-terminu lilha prefiss u dan anki wara li dan it-terminu gie estiz fuq talba tal-istess Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jirrigwardaw partecipazzjoni f' attivita' sesswali ma' guvintur taht l-eta' kif ukoll pussess u tixrid ta' materjal pornografiku u ndecenti rigwardanti minuri. Fl-2016 il-Pulizija Ezekuttiva rcevew informazzjoni minghand l-Interpol il-Germanja li kien hemm persuna li kienet qed tnizzel materjal pornografiku rigwardanti minuri minn fuq l-Internet bil-kompjuter taghha. Wara li saret l-investigazzjoni relattiva mis-Cyber Crime Unit fi hdan il-Korp tal-Pulizija gie identifikat l-imputat odjern bhala l-persuna li kien qed inizzel dan il-materjal pornografiku. Fis-16 ta' Lulju 2016 ghalhekk gie ezegwit Mandat ta' Tfittxija u Arrest fir-residenza tal-imputat f'Birkirkara fejn instab external hard drive li fuqu kien hemm ammont kbir ta' ritratti u videos ta' materjal pornografiku rigwardanti minuri, kotba relatati ma' pedofilija, pen drives b' matejal pornografiku dejjem rigwardanti minuri u tower li permezz tieghu kien jitnizzel dan il-materjal pornografiku (vide xhieda ta' PS 153 Lydon Zammit a fol. 127 et sequitur u ricevuta mmarkata bhala Dok. LZ1 a fol. 132 u 133 tal-atti processwali). Fuq il-kompjuter tal-imputat instabu chats[i] ma' xi guvintur minuri (omissis, omissis u omissis) fejn l-imputat kien jistieden lill-istess minuri ghall-inkontri mieghu jew altrimenti jirreferi ghall-inkontri maghhom li kienu jinvolvu attivita' sesswali. Wara investigazzjoni ulterjuri li saret mill-Pulizja rrizulta fil-fatt li l-imputat kien qed ikollu attivita' sesswali ma erba' guvintur taht l-eta' ta' tmintax -il sena li kienu omissis u omissis, it-tnejn ta' hmistax -il sena u omissis ta' sittax -il sena u omissis ta' sbatax -il sena.

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet, wahda fis-16 ta' Lulju 2016 (Dok. JB2 a fol. 10 sa 16) u l-ohra fis-17 ta' Lulju 2016 (cd a fol. 17 u traskrizzjoni a fol. 187 et sequitur).

Illi fl-imsemmija stqarrijiet l-imputat ikkonferma li kien inizzel materjal pornografiku rigwardanti minuri minn fuq l-internet billi jutilizza software jismu Giga Tribe fejn huwa kien jaqsam materjal pornografiku rigwardanti minuri ma' terzi persuni u jiehu materjal pornografiku li kienu jpoggu dawn it-terzi persuni permez tal-istess software. Huwa kkonferma wkoll li kien jissejvja dan il-materjal fuq il-hard drive tieghu u fit-tieni stqarrija indika li kien ikkupja xi ftit minn dan il-materjal fuq cd u ghaddiha lil certu omissis. L-imputat cahad li huwa qatt kreja xi matejal pornografiku rigwardanti minuri billi ffilmja xi inkontri li kien ikollu ma' guvintur taht l-eta'. Huwa spjega li fuq il-Giga Tribe kien juza l-isem ta' Man for Boys.

Illi l-imputat fl-istess stqarrijiet qal ukoll li kien jippartecipa f'attivita' sesswali ma' guvintur minuri ghaliex kellu gibda sesswali lejn guvintur adoloxxenti. Ghalkemm ghall-ewwel huwa rrifjuta li jindika l-ismijiet ta' dawn il-guvintur sussegwentement fit-tieni stqarrija huwa indika li kellu attivita' sesswali ma' omissis, omissis u omissis. L-imputat ikkonferma li kien ihallas jew jaghti l-flus lil dawn il-guvintur talli jippartecipaw f'attivita' sesswali mieghu izda qal li huwa qatt ma ppartecipa f'attivita' sesswali ma' tfal taht it-tlettax -il sena.

Fl-istess stqarrijiet l-imputat spjega li huwa kien gie abbuzat minn ragel adult meta kien tifel u qal li minhabba f'hekk zviluppa gibda kbira lejn guvintur adoloxxenti. Huwa rrikonoxxa li kien zbalja u li ghandu bzonn ghajnuna professjonali sabiex jeghleb din l-attrazzjoni lejn guvintur adoloxxenti u l-pornografija rigwardanti minuri.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri xehdu tlieta mill-erba’ guvintur indikati fic-charge sheet b’riferenza ghall-ewwel u l-hames imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi akkuzat li ssollecita inkontri ma’ minuri u li ppartecipa f’attivita’ sesswali ma’ minuri. omissis (guvni ta’ hmistax -il sena) xehed waqt l-udjenza tas-26 ta’ Lulju 2016 fejn qal li huwa kellu attivita’ sesswali mal-imputat f’aktar minn okkazzjoni wahda u fejn sar sess orali fuq l-imputat. Din l-attivita’ sesswali kienet issir fir-residenza tal-imputat f’B’Kara .Dan il-minuri spjega li kien huwa li kien jikkomunika mal-imputat tramite Facebook u spjega wkol kif l-imputat kien tah bejn €20 u€ 25 kull darba li sehhet attivita’ sesswali bejniethom.

omissis guvni iehor ta’ hmistax -il sena xehed waqt l-udjenza tal-11 ta’ Awwissu 2016 fejn spjega li l-imputat kien jibghatlu messaggi fuq Facebook sabiex jiltaqa’ mieghu u kien qallu li kien ser ihallsu jekk ihallih jaghmel sess orali fuqu. Huwa spjega li kien hemm okkazzjoni fejn sar sess orali mal-imputat fil-vettura tal-istess imputat fl-inhawi ta’ Wied il-Ghajn u darb’ohra fid-dar tal-istess imputat.

Illi omissis guvni ta’ tmintax -il sena xehed waqt l-udjenza tat-22 ta’ Awwissu 2018 fejn spjega li fis-sena 2014 u 2015 l-imputat kien f’madwar erba’ okkazzjonijiet differenti talbu sabiex joqghodu jimmasturbaw flimkien waqt li jaraw il-pornografija. Dan ix-xhud qal li l-imputat kien tah €10 kull darba u sostna li l-pornografija li kienu jaraw waqt li jimmasturbaw kienet tirrigwarda l-adulti.

Illi waqt l-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2016 il-Prosekuzzjoni rrinunzjat li tipproduci lil omissis bhala xhud.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' partecipazzjoni f'attivita' sesswali ma' minuri (Artikolu 204C(1) tal-Kodici Kriminali), bir-reat ta' thajjir ta' persuni ta' taht l-eta' kontemplat fl-Artikolu 208AA(1) tal-Kodici Kriminali, bir-reati ta' pussess u tixrid ta' materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta' (Artikoli 208A(1) u 208A(1B) u bir-reat ta' wiri ta' materjal pornografiku f'postijiet pubblici jew accessibbli ghall-pubbliku (Artikolu 208(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz din il-Qorti jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova kull wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat. Mix-xhieda tat-tlett guvintur indikati fil-hames imputazzjoni, u cioe' omissis, omissis u omissis jirrizulta li l-imputat ippartecipa f'attivita' sesswali ma' dawn il-minuri f'aktar minn okkazzjoni wahda u rrizulta wkoll li huwa ssollecita lil uhud minnhom permezz ta' Facebook sabiex jiltaqghu mieghu u jippartecipaw fl-imsemmija attivita' sesswali fejn huwa anki tahom il-flus talli ghamlu hekk. Dan jirrizulta wkoll mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fejn huwa kkonferma li kien ippartecipa f'attivita' sesswali ma' omissis, omissis u omissis u li kien jikkomunika maghhom permezz ta' Facebook sabiex jitrangjaw l-inkontri. Din il-Qorti izda b'riferenza ghall-hames imputazzjoni ser issib lill-imputat hati biss in kwantu din l-imputazzjoni hija riferibbli ghal omissis u omissis. Dan jinghad ghaliex mill-provi rrizulta li omissis kellu sittax -il sena meta sehhet l-attivita' sesswali filwaqt li fis-snin

2014 u 2015, u cioe' is-snin indikati minn omissis meta sehhet l-attivita' sesswali mal-imputat, huwa kellu sittax u sbatax -il sena. Ghalkemm fiz-zmien meta sehh ir-reat omissis u omissis kienu persuni taht l-eta' skond il-ligi kif kienet dak iz-zmien, illum il-gurnata bl-emendi li saru permezz tal-Att XIII tal-2018 huma m'ghadhomx jitqiesu bhala persuni taht l-eta' peress li permezz tal-imsemmija emendi l-eta' giet imnizzla minn tmintax ghal sittax -il sena.

Illi ghalhekk jirrizulta li ghalkemm l-att vjolatur kien jikkonstitwixxi reat meta sehh, dan ma baqax il-kaz illum il-gurnata fejn kif ghadu kemm inghad l-eta' ta' persuna kkunsidrata bhala minuri giet imnizzla ghal xi hadd li m' ghalaqx is-sittax -il sena.

Illi f' dawn ir-rigward din il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f' sentenza tat-28 ta' Settembru, 2017 moghtija fil-kawza fl-ismijiet:- "Il-Pulizija vs Martin Cassano" u cioe:

> Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta'l-Avviz Legali 376 ta'l-2012. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:

*"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties …. The Court …. affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*[1]*"*

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

"*The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*[2]"

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*

[1] Scoppola vs Italy App.No.12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber)
[2] Ara ukoll Ruban vs Ukraine – 12/07/2016 u Koprivnikar vs Slovenia

> *It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*[3]"
>
> B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat u mir-rapport[ii] tal-espert tekniku nominat minn din il-Qorti sabiex jezamina l-hard discs, external hard drive u l-affarijiet l-ohra elevati mir-residenza tal-imputat jirrizulta li l-imputat kien inizzel materjal pornografiku rigwardanti minuri u jissejvjah fuq l-external harddrive u dan billi juza is-software Giga Tribe fejn fi kliemu stess huwa kien jaqsam dan il-materjal ma' terzi li wkoll kienu juzaw dan is-software u li min-naha taghhom ukoll kienu jaqsmu l-materjal pornografiku rigwardanti minuri mieghu. Mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat jirrizulta inoltre li huwa kien ikkopja xi materjal pornografiku rigwardanti minuri fuq cd li ghadda lil omissis.  Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jammonta ghal tixrid ta' materjal pronografiku u ndecenti rigwardanti minuri.  L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti jidrilha wkoll li tista' titqies li tirrizulta r-rejita' taht l-Artikolu 208(1) ghaliex l-imputat kien ipoggi l-materjal pornografiku fuq l-internet permezz tal-Giga Tribe u dan jista' jitqies li huwa wiri ta' materjal indecenti

[3] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

f'post accessibbli ghall-pubbliku izda fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni u r-raba' imputazzjoni li taghhom l-imputat ser jinstab hati u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Ghall-finijiet ta' piena din il-Qorti hadet konjizzjoni tas-Social Inquiry Report u tax-xhieda tal-psikoterapista' ex parte prodott mill-imputat u tal-fatt li l-imputat isostni li huwa stess kien vittma ta' abbuz sesswali meta kien tifel. Din il-Qorti izda hadet in konsiderazzjoni ukoll tal-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati u tal-fatt li l-imputat aprofitta ruhu minn guvintur vulnerabbli sabiex jikkonvincihom ibieghu gisimhom u jippartecipaw f'attivita' sesswali mieghu ghaliex kellhom bzonn il-flus. Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-imputat jghid li jiddispjacih ghal dak li ghamel u rrikonoxxa li kellu bzonn l-ghajnuna. Mill-atti jirrizulta wkoll li huwa beda jmur ghall-kura ghand il-psikoterapista fil-mori ta' dawn il-proceduri. Din il-Qorti fic-cirkostanzi ghalhekk jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva flimkien ma Ordni ta' Trattament. Irid ukoll jigi precizat li ser jigu applikati il-pieni in vigore qabel ma dahlu l-emendi permezz tal-Att XIII tal-2018.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 208AA(1), 208A(1), 208A(1B) u 204C(1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni (2) u ghar-raba' (4) imputazzjoni li taghhom l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetti huma omissis, omissis, omissis u omissis.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri l-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri kollha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht l-Ordni ta' Trattament ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum taht il-kura tal-psikoterapista Charles Cassar u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' tlett elef, tlieta u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3053.25[4]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Il-Qorti qed tordna l-konfiska ta' Dok JB 5 sa dok JB 35 u tordna wkoll id-distruzzjoni tal-materjal indecenti li jinsab fuq l-imsemmija esebiti liema

[4] Rapport ta' Anthony Spiteri pg 239-251 €3053.25c

distruzzjoni ghandha ssir mill-espert Anthony Spiteri u ko-ordinata mir-Registratur tal-Qorti.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[i] Dok. LZ2, LZ3 u LZ4 a fol. 139 et sequitur.
[ii] Vide rapport ta' Anthony Spiteri a fol. 239 et sequitur.